A.L. 186 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Health Care

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Institute of Health Care bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Health Care.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba l-kuntest ma jitlobx mod ieħor -

" il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Institute of Health Care;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudju maħtur għal kull qasam ta' studju offrut fil-Kors;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom ir-rekwiżiti speċjali għall-kors skond il-qasam ta' studju magħżul kif imniżżla hawn taħt:

(a) **Communication Therapy:** għaddew f'żewġ suġġetti bi Grad Ċ jew aħjar, għall-anqas wieħed minnhom għandu jkun fil-Livell Avvanzat u l-ieħor fil-Livell Intermedju, fil-Bijoloġija u jew fl-Ingliż jew fil-Malti;

(b) **Dietetics:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija u fil-Kimika; u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Fiżika;

(ċ) **Environmental Health:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija u fil-Kimika; u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Fiżika;

(d) **Medical Laboratory Science:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija u fil-Kimika; u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Fiżika;

(e) **Midwifery** (japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2005 jew wara): għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Bijoloġija;

(f) **Nursing** (japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2005 jew wara): għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Bijoloġija;

(g) **Nutrition:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija u fil-Kimika; u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Fiżika;

(h) **Occupational Therapy:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija;

(i) **Physiotherapy:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija; u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Fiżika;

(j) **Podiatry:** għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Bijoloġija; u

(k) **Radiography** (japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2005 jew wara): għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Bijoloġija. L-applikanti għandhom ikollhom mhux anqas minn 18-il sena sa tlett xhur mid-data meta jibda l-Kors.

4. (Japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2004 jew wara) L-applikanti li jagħżlu l-qasam ta' studju Medical Laboratory Science u li għandhom grad D minflok grad Ċ f'wieħed mis-suġġetti mitluba fil-Livell Avvanzat kif indikat fil-paragrafu (d) ta' l-ordinament 3 jidħlu taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Kumitat tad-Dħul ta' l-Institute of Health Care jista' jimponi biex jagħmel tajjeb għall-element nieqes. Jekk, sa l-aħħar ta' l-ewwel sena tal-Kors, dawn l-istudenti ma jtemmux b'suċċess ir-rekwiżiti kollha biex jitilgħu regolarment għat-tieni sena tal-Kors, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors, u ma jkunux la intitolati li jirrepetu s-sena u lanqas li jitilgħu għat-tieni sena kondizzjonalment kif normalment permess skond ir-Regolamenti Prinċipali.

5. Il-Bord tad-Dħul, li jagixxi fuq il-parir tal-Bord ta' l-Istudji kkonċernat, jista' jaċċetta applikanti li jkollhom Diploma in Health Science, għall-anqas bi grad medju globali ta' 65%, fit-tieni jew fit-tielet sena tal-Kors bl-istess qasam ta' studju bħal tad-Diploma tagħhom, skond il-provvedimenti tar-regolamenti 8.1 jew 8.1.1 tar-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'.

6. Qabel ma jirreġistraw għall-Kors, l-applikanti eliġibbli huma meħtieġa wkoll jagħmlu test mediku kif mitlub mill-Bord biex jiġi aċċertat li huma kapaċi għad-dmirijiet relatati ma' l-istudji proposti tagħhom.

It-Tul tal-Kors

7. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

L-Oqsma ta' Studju

8. Il-Grad jista' jingħata skond il-provvedimenti ta' dawn l-ordinamenti f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju:

Communication Therapy, Dietetics, Environmental Health, Medical Laboratory Science, Midwifery, Nursing, Nutrition, Occupational Therapy, Physiotherapy, Podiatry, u Radiography jew f'xi qasam ieħor relatat mal-Kura tas-Saħħa, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

9. L-oqsma ta' studju offruti f'xi sena partikolari jkunu ppubblikati mill-Bord qabel il-bidu ta' kull Kors.

10. Is-Senat, fuq il-parir tal-Bord, jista' jillimita l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu fil-Kors f'xi oqsma jew fl-oqsma ta' studju kollha u għandu japprova ordinamenti dwar l-għażla ta' l-applikanti għall-Kors fil-qasam/fl-oqsma fejn l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu huwa limitat.

Il-Programm tal-Kors

11. L-applikanti għandhom jagħżlu l-qasam ta' studju fiż-żmien meta japplikaw għad-dħul fil-Kors.

12. Il-programm ta' studju għal kull qasam ta' studju għandu żewġ komponenti distinti, għalkemm interdipendenti, wieħed teoretiku, u l-ieħor prattiku/kliniku.

13. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' jkun kostrett jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm tal-kors u fil-programm ta' studju għall-qasam ta' studju li huma qed isegwu għall-Grad,
Sakemm li l-programmi tal-kors u l-programmi ta' studju jkunu mfassla skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

Il-Kundizzjonijiet għal Valutazzjoni mill-Ġdid tat-Taqsimiet Studju Prattiċi/Kliniċi

14. (1) L-istudenti li jeħlu f'taqsima studju ta' prattika klinika jew f'taqsima studju li tinvolvi pjazzament prattiku jistgħu jkunu meħtieġa jirrepetu t-taqsima studju matul ix-xhur tas-sajf qabel ma jerġgħu jkunu evalwati, jew jekk jidher li arranġament bħal dan mhux possibbli, jerġgħu jagħmlu t-taqsima studju f'sena żejda ta' studju.

(2) Il-kundizzjonijiet għal valutazzjoni mill-ġdid ta' taqsimiet studju bħal dawn ikunu indikati fid-deskrizzjoni ta' kull taqsima studju li tkun ippubblikata fil-katalgu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

15. L-evaluazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors li jingħataw piż skond il-kriterji li ġejjin:

Marka Medja ta' l-Ewwel Sena	15%
Marka Medja tat-Tieni Sena	25%
Marka Medja tat-Tielet Sena	25%
Marka Medja tar-Raba' Sena	35%.